MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-2 ta' Frar, 2006

Numru 7/2005

Ir-Repubblika ta Malta
Vs
Simon Galdes

**Il-Qorti,**

**Rat l-Att tal-Akkuza numru 7 tas-sena 2005 kontra l-akkuzat Simon Galdes, li bih huwa gie akkuzat talli:**

**1) wara li l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta fl-Ewwel Kap illi f'Ottubru tas-sena elfejn u tlieta (2003) u fil-gimghat ta' qabel l-akkuzat Simon Galdes iddecieda illi jibda jmexxi u jittraffika fid-droga herojina. Galdes ftiehem ma' persuna ohra li jibda jzomm din id-droga mohbija fil-garage proprjeta` tieghu li jinsab bieb ma' bieb mar-residenza tieghu. In esekuzzjoni ta' dan il-pjan mahsub minn**

**qabel, il-persuna l-ohra marret ghand l-akkuzat diversi drabi biex tigi fornuta b'ammonti minn din id-droga. Ghas-servizz tieghu li jzomm u jforni id-droga herojina msemmija, Galdes kien jithallas ammont konsiderevoli ta' flus. Fortunatament l-akkuzat inqabad mill-pulizija fid-19 ta` Ottubru, 2003 u fil-fatt, bejn dakinhar u l-ghada, nstab fil-pussess tieghu izjed minn kilo herojina li tiswa kwazi hamsin elf lira Maltija (LM 50,000).**

Id-droga herojina hija msemmija fit-Taqsima I ta` l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

**Illi b'ghemilu, l-imsemmi Simon Galdes sar hati talli assocja ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jitraffika medicina f'Malta (herojina) kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni.**

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem imsemmi akkuza lill-imsemmi Simon Galdes talli assocja ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jitraffika medicina f'Malta (herojina) kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (Lm 1000) izda mhuz izjed minn hamsin elf lira Maltija (Lm 50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghal-htija ta` l-imsemmi akkuzat.

**2) wara li l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta fit-Tieni Kap illi f'Ottubru tas-sena elfejn u tlieta (2003) u fil-gimghat ta' qabel l-akkuzat Simon Galdes iddecieda illi jibda jmexxi u jittraffika fid-droga kokajina. Galdes ftiehem ma' persuna ohra li jibda jzomm din id-droga mohbija fil-garage proprjeta` tieghu li jinsab bieb ma' bieb mar-residenza tieghu. In esekuzzjoni ta' dan il-pjan mahsub minn qabel, il-persuna l-ohra marret ghand l-akkuzat diversi drabi biex tigi fornuta b'ammonti minn din id-droga. Ghas-servizz tieghu li jzomm u jforni id-droga kokajina msemmija, Galdes kien jithallas ammont konsiderevoli ta' flus. Fortunatament l-akkuzat inqabad mill-pulizija fid-19 ta` Ottubru, 2003 u fil-fatt, bejn dakinhar u l-ghada, nstab fil-pussess tieghu kwazi nofs kilo kokajina li tiswa kwazi ghoxrin elf lira Maltija (LM 20,000).**

Id-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima I ta` l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

**Illi b'ghemilu, l-imsemmi Simon Galdes sar hati talli assocja ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jitraffika medicina f'Malta (kokajina) kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni.**

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem imsemmi akkuza lill-imsemmi Simon Galdes talli assocja ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jitraffika medicina f'Malta (kokajina) kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru

u multa ta’ mhux inqas minn elf lira Maltija (Lm 1000) izda mhuz izjed minn hamsin elf lira Maltija (Lm 50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ kull flejjes jew proprjeta’ mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghal-htija ta` l-imsemmi akkuzat.

3) U wara li l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta fit-Tielet Kap illi f’Ottubru tas-sena elfejn u tlieta (2003) u fil-gimghat ta’ qabel l-akkuzat Simon Galdes iddecieda li jaghtiha ghat-traffikar tad-droga herojina billi jbiegh, jipprokura u jforni l-istess droga lil diversi persuni f’Malta. Galdes ftiehem ukoll ma’ persuna ohra li jibda jzomm din id-droga mohbija fil-garage proprjeta` tieghu li jinsab bieb ma’ bieb mar-residenza tieghu, u jfornihielu skond il-bzonn. Ta` dan Galdes kien jithallas ammont konsiderevoli ta’ flus. Fortunatament l-akkuzat inqabad mill-pulizija fid-19 ta` Ottubru, 2003 u fil-fatt, bejn dakinhar u l-ghada, nstab fil-pussess tieghu izjed minn kilo herojina li tiswa kwazi hamsin elf lira Maltija (LM 50,000).
Id-droga herojina hija msemmija fit-Taqsima I ta` l-Ewwel Skeda li tinsab ma’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b’ghemilu, l-imsemmi Simon Galdes sar hati talli forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew jipprokura d-droga herojina lil xi persuna jew ghal xi persuna, f’dawn il-Gzejjer jew x’imkien iehor, jew avza l-imsemmija droga ghall-bejgh, minghajr ma kellu licenzja mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli ta` l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi jew minn xi awtorita` apposta moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jforni d-droga msemmija, u minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta` l-Ordinanza

dwar il-Medicini Perikoluzi, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura d-droga msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Simon Galdes talli forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew jipprokura d-droga herojina lil xi persuna jew ghal xi persuna, f'dawn il-Gzejjer jew x'imkien iehor, jew avza l-imsemmija droga ghall-bejgh, minghajr ma kellu licenzja mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli ta` l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi jew minn xi awtorita` apposta moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jforni d-droga msemmija, u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta` l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura d-droga msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga.
Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern ta` l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u r-regola 4(a) tar-Regoli ta` l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi [N.G. 292 ta' l-1939] u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta` l-imsemmi akkuzat;

4) U wara li l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta ppremetta fir-Raba Kap illi f'Ottubru tas-sena elfejn u tlieta (2003) u fil-gimghat ta' qabel l-akkuzat Simon Galdes iddecieda li jaghtiha ghat-traffikar tad-droga kokajina billi jbiegh, jipprokura u jforni l-istess droga lil

diversi persuni f'Malta. Galdes ftiehem ukoll ma' persuna ohra li jibda jzomm din id-droga mohbija fil-garage proprjeta` tieghu li jinsab bieb ma' bieb mar-residenza tieghu, u jfornihielu skond il-bzonn. Ta` dan Galdes kien jithallas ammont konsiderevoli ta' flus. Fortunatament l-akkuzat inqabad mill-pulizija fid-19 ta` Ottubru, 2003 u fil-fatt, bejn dakinhar u l-ghada, nstab fil-pussess tieghu kwazi nofs kilo kokajina li tiswa kwazi ghoxrin elf lira Maltija (LM 20,000).
Id-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima I ta` l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b'ghemilu, l-imsemmi Simon Galdes sar hati talli forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew jipprokura d-droga kokajina lil xi persuna jew ghal xi persuna, f'dawn il-Gzejjer jew x'imkien iehor, jew avza l-imsemmija droga ghall-bejgh, minghajr ma kellu licenzja mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli ta` l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi jew minn xi awtorita` apposta moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jforni d-droga msemmija, u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta` l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura d-droga msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Simon Galdes talli forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew jipprokura d-droga kokajina lil xi persuna jew ghal xi persuna, f'dawn il-Gzejjer jew x'imkien iehor, jew avza l-imsemmija droga ghall-bejgh, minghajr ma kellu licenzja mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli ta` l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi jew minn xi awtorita` apposta moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jforni d-droga msemmija, u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew

awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta` l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura d-droga msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern ta` l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u r-regola 4(a) tar-Regoli ta` l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi [N.G. 292 ta' l-1939] u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta` l-imsemmi akkuzat.

5) U wara li l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta fil-Hames Kap illi fiz-zmien u fic-cirkostanzi ndikati fl-ewwel u fit-tielet kap ta' l-att ta' l-akkuza, u cioe` f'Ottubru tas-sena elfejn u tlieta (2003) u fil-gimghat ta' qabel, l-akkuzat Simon Galdes kellu fil-pussess tieghu izjed minn kilo herojina li tiswa kwazi hamsin elf lira Maltija (LM 50,000). L-akkuzat qatt ma ghamel uzu jew abbuza mid-droga herojina.

Id-droga herojina hija msemmija fit-Taqsima I ta` l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Simon Galdes sar hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga

msemmija, u ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta’ l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b’xi awtorita` moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b’dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv tieghu.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Simon Galdes talli kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta’ l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b’xi awtorita` moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b’dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv tieghu.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzat u illi jigi kkundanat ghall-piena ta’ prigunerija ghal ghomru u multa ta’ mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern ta’ l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-gvern ta’ kull flejjes jew propjeta’ mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u r-regola 9 tar-Regoli ta’ l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal

kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija ta’ l-imsemmi akkuzat.

6) U wara li l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta fis-Sitt Kap illi fiz-zmien u fic-cirkostanzi ndikati fit-tieni u fir-raba’ kap ta’ l-att ta’ l-akkuza, u cioe` f’Ottubru tas-sena elfejn u tlieta (2003) u fil-gimghat ta’ qabel, l-akkuzat Simon Galdes kellu fil-pussess tieghu kwazi nofs kilo kokajina li tiswa kwazi ghoxrin elf lira Maltija (LM 20,000). L-akkuzat qatt ma ghamel uzu jew abbuza mid-droga kokajina.

Id-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima I ta` l-Ewwel Skeda li tinsab ma’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b’ghemilu l-imsemmi Simon Galdes sar hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta’ l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b’xi awtorita` moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b’dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv tieghu.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Simon Galdes talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga

msemmija, u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorita` moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv tieghu.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzat u illi jigi kkundanat ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u r-regola 9 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

**Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni;**

**Rat in-Nota tal-Akkuzat Simon Galdes tat-30 ta' Marzu, 2005 li biha ndika l-eccezzjonijiet preliminari tieghu w cioe' :-**

**1. Illi l-Ewwel, it-Tieni, t-Tielet u r-Raba Kapi ta' l-Att ta' l-Akkuza huma nulli peress li l-fatti kif deskritti fil-parti espozitorja ma jistghux jikkostitwixxu d-delitt addebitat kontra l-akkuzat.**
**2. illi minghajr pregudizzju ghall-premess, il-Hames u s-Sitt Kapi huma kapi alternattivi, stante li huma komprizi w involuti , tenut kont il-principju li "il piu' comprende il meno".**

**Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Novembru, 2005, li bih Dr. Mallia, ghall-akkuzat, irtira l-eccezzjoni tan-nullita' tat-tielet w r-raba kapi ta' l-att ta' l-akkuza .**

**Rat in-nota ta cessjoni tal-eccezzjoni fir-rigward tat-tielet u r-raba kap ta' l-Att ta' l-Akkuza prezentata mill-akkuzat seduta stante,**

**Ikkonsidrat.**

Illi l-ewwel eccezzjoni issa giet limitata ghan-nullita tal-ewwel zewg kapi tal-Att ta' l-Akkuza minhabba li l-fatti kif deskritti fil-parti espozitorja ma jistghux jikkostitwixxu d-delitti rispettivi addebitati kontra l-akkuzat.

**Ikkonsidrat;**

**Illi din l-eccezzjoni tidher li hija akkampata fuq l-art.449 (1) (b) u l-paragrafu (b) tas-subartikolu (5) tal-istess Artikolu tal-Kodici Kriminali liema paragrafu jitkellem dwar "*meta l-fatt migjub fl-att ta' akkuza ma jkunx jikkostitwixx , fis-sustanza, r-reat migjub jew deskritt f'dak l-att."* Issa biex tirmexxi eccezzjoni bhal din jehtieg li jirrizulta li l-fatti kif deskritti fl-att tal-akkuza jew fil-kap tal-att tal-akkuza li jkun qed jigi impunjat ma jkunux jikkostitwixxu fis-sustanza r-reat li bih ikun qed jigi addebitat l-akkuzat f' dak l-att jew f' dak il-kap. (Ara. Sentenza ta' din il-Qorti tal-20 ta' Gunju, 1995 fil-kawza** "Republika ta' Malta vs. Aibrahim Bashir Ben Matue" **[Att ta' Akkuza 4/95) konfermata fl-appell fil-15 ta' Frar, 1996, "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Gatt et." **[6.12.2002], konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali bis-sentenza tat-22 ta' Mejju, 2003 "Ir-Repubblikata' Malta vs. Dominic Bonnici" [5.1.2004] u konfermata fl-Appell fil-22 t'April, 2004 u ohrajn.)**

F' dawk is-sentenzi giet citata gurisprudenza kopjuza hafna fejn intqal ukoll li fl-ezami biex tara jekk il-fatti kif esposti humiex marbuta mall-parti akkuzatorja, l-Qorti trid toqghod fuq il-fatti kif migjuba fl-att tal-akkuza u mhux fuq

il-fatti kif jistghu jirrizultaw mill-atti tal-istruttorja jew kif eventwalment jistghu jirrizultaw fil-kors tal-guri.

Illi gie wkoll ritenut mill-Qrati taghna li r-raguni ghala att t' akkuza ghandu jigi annullat trid tkun tohrog mid-dokument innifsu w l-Qorti m'ghandhiex toqghod tidhol u tindaga dwar il-verita' jew precizjoni tal-fatti msemmija fl-att tal-akkuza, izda trid tara jekk ir-rekwiziti ta' formalita' preskritti mill-ligi gewx osservati.

F'"**Rex. vs. Strickland** " [21.3.1923] (Vol. XXV , p.iv. p.833) gie ritenut li :-

***"Tanto secondo la nostra gurisprudenza quanto secondo quella inglese, la nullita' dell'atto d'accusa non si accorda per ragioni nel merito ma per difetti sostanziali recanti un pregudizio,non altrimenti rimediabile nell'accustato, risultanti dalla faccia dello stesso atto che si impugna..... Da altre sentenze stampate risulta che quando si e' trattato della nullita' o meno dell'atto d 'accusa, tale atto e' stato sempre esaminato per se stesso, indipendentemente dal merito e delle prove."***

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-Ewwel zewg kapi ta' l-Att ta' l-Akkuza huma pratikament identici izda fil-waqt li l-Ewwel Kap jirriferi ghall-assocjazzjoni ghat-traffikar tad-droga herojina, t-tieni kap jirriferi ghat-traffikar tad-droga kokajina. Mill-bqija d-dicitura hija l-istess. Ghalhekk il-konsiderazzjonijiet segwenti japplikaw ugwalment ghaz-zewg kapi a skans ta' ripetizzjoni inutili.**

**Illi l-fatti rilevanti li bihom l-Avukat Generali irid jorbot lill-akkuzat mar-reat ta' assocjazzjoni sabiex ibiegh u jittraffika l-herojina addebitat lilu fl-Ewwel Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza w mar-reat t' assocjazzjoni sabiex ibiegh u jittraffika d-droga kokajina skond it-Tieni Kap , huma testwalment hawn :-**

***“..f’ Ottubru, tas-sena elfejn u tlieta (2003) u fil-gimghat ta’qabel l-akkuzat Simon Galdes iddecieda li jibda’ jmexxi u jittraffika fid-droga herojina/kokajina. Galdes ftiehem ma persuma ohra li jibda jzomm din id-droga mohbija fil-garage proprjeta’ tieghu li jinsab bieb ma bieb mar-residenza tieghu. In esekuzzjoni ta’ dan il-pjan mahsub minn qabel, il-persuna l-ohra marret ghand l-akkuzat diversi drabi biex tigi fornuta b’ ammonti minn din id-droga. Ghas-serrvizz tieghu li jzomm u jforni id-droga herojina/kokajina msemmija, Galdes kien jithallas ammont konsiderevoli ta’ flus ….illi b’ ghemilu , l-imsemmi Simon Galdes sar hati talli assocja ma xi persuna jew persuni ohra f’ Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jittraffika medicina herojina/kokajina kontra d-disposizzjoni ta l-Ordinanza… jew ippromwova, ikkostitwixxa jew iffinanzja din l-assocjazzjoni. “*** **(sottolinear tal-Qorti)**

Issa skond l-artikolu 22 (1) (f) tal-Kap.101 ikun hati ta’ reat kontra l-Ordinanza kull min :-

*“jassocja ruhu ma xi persuna jew persuni ohra f ’ Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jittraffika medicina f’Malta kontra d-dispozizzjonijiet ta’ din l-Ordinanza , jew li jippromwovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja l-assocjazzjoni”*

**U skond l-artikolu 22 (1A) tal-Kap.101 :-**

*“L-assocjazzjoni ta’ persuni imsemmija fil-paragrafu (d) u (f) tas-subartikolu precedenti tezisti malli jigu kkumbinati jew miftehma l-mezzi, ikunu li jkunu, li bihom dawk il-persuni ghandhom jimxu.”*

Issa skond il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna l-elementi kostituttivi tar-reat ta’ assocjazzjoni kontemplat fil-Kap.101 dejjem gew ritenuti li huma erba u senjatament : 1. iz-zmien li fih ikun sar ir-reat ; 2. li jkun hemm mill-inqas persuna ohra, kienet minn kienet f’ Malta jew barra minn Malta, li tkun involuta; 3. sabiex tigi traffikata d-droga; u 4. li jkun hemm il-ftehim dwar il-mod kif din id-droga ser tigi traffikata. It-traffikar ghandu definizzjoni

wiesgha w din tinkludi mhux tfisser kwalsiasi movement ta' droga minn id ghal id kemm versu korrispettiv kif ukoll b' mod gratuwitu. U ma hemmx ghalfejn elementi ohra bhal per ezempju prova li id-droga tkun effettivament ghaddiet minn id ghal id jew li giet importata, ghax anki semplici offerta hija bizzejjed.

Illi minn ezami akkurat tal-ewwel zewg kapi tal-att tal-akkuza jidher li fl-espozizzjoni tal-fatti mill-Avukat Generali, ghalkemm konciza ghall-ahhar, hemm l-elementi kostituttivi tar-reat kollha fuq imsemmija. Dan ghaliex l-Avukat Generali qed jallega li l-akkuzat ftiehem ma persuna ohra f' Malta biex hu jibda imexxi u jittraffika d-droga rispettiva imsemmija fiz-zewg kapi billi hu jibda jzomm id-droga rispettiva w l-persuna l-ohra tigi tiehu d-droga rispettiva immsemmija f'kull kap minn ghandu. Ghalhekk jezisti bejn il-parti espositiva tal-ewwel zewg kapi w l-parti akkuzatorja taghhom dak in-ness li trid il-ligi w li l-gurisprudenza tghid li hu rekwizit mehtieg biex l-att tal-Akkuza ma jkunx monk u null. (ara. **Rex. vs G.C.B. et altri"** - 8.3.05 Vol. XIX; iv. p.18)"

Jekk quddiem il-gurati il-Prosekuzzjoni jirmexxilix tipprova ghall-konvinciment morali taghhom u bla ma thalli dubju dettat mir-raguni li tali ftehim kien jezisti fiz-zewg kapi separatament w li kienu gew kombinati l-mezzi f' kull kaz, bil-modi kif interpretati mill-gurisprudenza nostrana w kif allegat fil-parti espositiva tal-ewwel u tat-tieni kap, dik hija haga ohra li jridu jiddecieduha l-gurati w hadd aktar, wara li tigi spjegata lilhom il-ligi in materia mill-Imhallef li jkun ser jippresjedi l-guri w din il-Qorti la ghandha w lanqas tista' tidhol fiha f'dan l-istadju tal-proceduri.

S'intendi f' kull kaz, fejn il-kawza tinstema' quddiem din il-Qorti komposta mill-guri, ovvjament ikun jispetta lill-Imhallef togat li jippresjedi l-guri li jispjega lill-gurati x' forom jista' jiehu r-reat tal-assocjazzjoni kontemplat f' dawn il-kapi u x'inhuma l-elementi kostituttivi tieghu gja fuq imsemmija. Pero' din tkun spjegazzjoni tal-ligi w tal-interpretazzjoni taghha w mhux il-fatti li jikkostitwixxu r-reat li necessarjament iridu jissemmew fl-att ta' l-akkuza .

Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti l-fattispecji partikolari tal-ewwel zewg kapi, gew traccati, sia pure fil-qosor, izda b' mod car mill-Avukat Generali b' mod li ma jhallu ebda dubju ghall-liema reati l-akkuzat qed ikollu jirrispondi w dawn il-fatti jistghu jinkwadraw ruhom fir-reati imsemmi fil-parti akkuzatorja tal-istess kapi u li hemm in-ness bejn il-fatti esposti w r-reati li l-Avukat Generali qed jakkuza lil akkuzat bihom. Ghalhekk il-mod adoperat mill-Avukat Generali fl-istesura tal-ewwel u t-tieni tal-att tal-akkuza ma jaghtix lok ghall-eccezzjoni kontemplata fil-paragrafu (b) tal-proviso tal-artikolu 449 (5) tal-Kodici Kriminali.

**Konsegwentement din l-eccezzjoni ghandha tigi respinta.**

**Ikkonsidrat;**

**It-tieni eccezjoni – jekk tista' titqies bhala tali – hi fis-sens li l-hames u s-sitt kapi huma kapi alternattivi, stante li huma komprizi w involuti, tenut kont il-principju li l-"*piu' comprende il meno."* Illi ghalkemm ma jintqalx car f' liema reat dawn jew f' liema kapi ohra dawn iz-zewg reati huma komprizi w involuti, huwa ovvju li mhux qed jintqal li dawn huma b' xi mod assorbiti u f' xulxin. Hu ovvju li r-reat ta' pussess tad-droga heroinja ma jista' qatt jigi assorbit fir-reat ta' pussess ta' droga differenti bhal ma hi l-kokajina, jew vice versa. Dawn huma reati ghal kollox separati w distinti.**

**Jekk invece din l-eccezzjoni ghandha tiftiehem fis-sens li l-hames Kap, li jirrigwarda pussess tad-droga herojina taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu, jista' jkun kompriz w involut fir-reat ta' assocjazzjoni li jissemma fl-ewwel kap u/jew fir-reat ta' traffikar ta' herojina msemmi fit-telet kap u – fit-tieni lok - li s-sitt kap ta' pussess tad-droga kokajina taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu, jista' jkun kompriz w involut fir-reat ta' assocjazzjoni li jissemma fit-tieni kap u/jew fir-reat ta' traffikar ta' kokajina msemmi fir-raba' kap, allura**

**wiehed bil-fors irid jistenna l-verdett tal-gurati fuq kull kap u biss jekk tirrizulta l-htija fl-ewwel , it-tielet u l-hames kapi rigwardanti l-herojina jew xi tnejn minnhom u jekk tirrizulta htija tat-tieni, r-raba' w s-sitt kapi rigwardanti l-kokajina jew xi tnejn minnhom, il-Qorti tkun trid tara jekk bejn dawn ir-reati rispettivi jew dawk minnhom li jirrizultaw ikunx hemm l-assorbiment <u>biss ghall-fini ta'piena,</u> tenut kont tar-regola li tinstab fl-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali jew dik tal-konkors formali jew ideali , meta fatt wiehed jaghti lok ghall-aktar minn reat wiehed.**

Mill-bqija dawn ir-reati ta' assocjazzjoni, traffikar u pussess aggravat jistghu jissussistu kemm separatament jew flimkien u l-Avukat Generali kellu kull dritt li jakkuza lill-akkuzat bihom separatament u konsegwentement ma hemm ebda nullita' ghal din ir-raguni fl-Att ta' l-Akkuza.

Lanqas jistghu jitqiesu a prioristikament bhala kapi alternattivi f' dan l-istadju w qabel ma jkun maghruf il-verdett tal-gurati fuq kull kap separatament. Jibqa' rizervat pero' ghall-istadju opportun kull provvediment dwar l-assorbiment tar-reati kontemplati fl-ewwel, it-tielet u l-hames kapi fir-rigward tal-herojina u tar-reati kontemplati fit-tieni , r-raba' u s-sitt kapi rigwardanti l-kokajina, f' xulxin, jekk ikun il-kaz, a tenur tal-artikolu 17 (h) tal-Kap.9 jew ghaliex ikun jirrizulta xi konkors formali jew ideali bejn z-zewg reati jew aktar fil-kaz taz-zewg tipi ta'drogi differenti imsemmija.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tichad iz-zewg eccezzjonijiet preliminari tal-akkuzat Simon Galdes u tastjeni milli tiehi konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eccezzjoni in kwantu din tolqot it-tielet u r-raba' kapi tal-Att ta'l-Akkuza, stante li din giet minnu rtirata w tiddifferixxi il-kawza *"sine die",* sakemm ikun maghruf l-ezitu ta' xi appell eventwali w, f'kaz li ma jsirx appell jew wara li tali appell jigi deciz, sabiex tigi appuntata ghas-smiegh bil-gurati, skond meta jmissha t-turn taghha skond il-ligi.

***Sadattant l-akkuzat ghandu jibqa' fl-istess stat li jinsab fih sal-lum ghal dak li jirrigwarda l-liberta' provizorja.***

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------